## ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jipprovdi dwar securitisation, biex jirregola l-liġijiet eżistenti f'sostenn tas-securitisation u biex jintroduċi regoli ġodda dwar il-mezzi tas-securitisation.*

Il-President, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u fis-seħħ bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

TAQSIMA I

ĠENERALI

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2003 dwar is-*Securitisation*. Titolu fil-qosor u bidu.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra:- Tifsir.

"assi tas-*securitisation*" tfisser kull attiv, kemm jekk jeżisti kemm jekk futur, kemm jekk mobbli kemm jekk immobbli, kemm jekk tanġibbli kemm jekk mhux tanġibbli, u meta r-rabta tal-kliem tkun hekk tippermetti, tinkludi riskji;

"l-awtorità kompetenti" tfisser il-korp maħtur b'Ordni tal-Ministru li għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta, sabiex teżerċita l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u twettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jidhirlu xierqa relattivament għall-operat ta' dan l-Att;

Kap. 249. "kitba" ikollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar l-Interpretazzjoni, u għandha tinkludi trasmissjonijiet bil-*fax* u komunikazzjonijiet bil-posta elettronika;

"kollateral tas-sigurtà" tfisser kollateral provdut minn persuna li tipprovdi l-kollateral b'sigurtà għal, jew lil, persuna li tieħu l-kollateral, u f'każijiet meta l-proprjetà sħiħa tal-kollateral tibqa' għand il-persuna li tipprovdi l-kollateral, meta jiġi stabbilit id-dritt tas-sigurtà;

"kollateral tat-trasferiment tat-titolu" tfisser kollateral provdut minn persuna li tipprovdi l-kollateral, inkluż kull ftehim ta' xiri mill-ġdid u assenjazzjonijiet fil-forma ta' sigurtà, li permezz tiegħu il-persuna li tipprovdi l-kollateral titrasferixxi l-proprjetà sħiħa tal-kollateral lill-persuna li tieħu l-kollateral sabiex tassigura jew b'mod ieħor tkopri t-twettiq ta' kull obbligazzjoni;

"kredituri tas-*securitisation*" tfisser il-kredituri jew il-klassijiet ta' kredituri kollha ta' mezz tas-*securitisation*, fir-rigward ta' operazzjoni tas-*securitisation*, li l-kreditu tagħha jkun assikurat b'kull mezz li jkun, kemm jekk b'kollateral ta' assikurazzjoni jew b'kollateral tat-trasferiment tat-titolu, inkluż, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, l-oriġinatur, kull persuna li jkollha xi strument finanzjarju wieħed jew aktar maħruġ mill-mezz tas-*securitisation*, li ma tkunx azzjonist ta' mezz tas-*securitisation*, jekk dan japplika, kull min isellef, *hedge counterparty*, persuna li tipprovdi l-likwidità u persuna li tipprovdi is-sostenn tal-kreditu tal-mezz tas-*securitisation* u kull *trustee* li jaġixxi għan-nom ta' xi wieħed minnhom;

"kumpannija ta' l-investiment" tfisser kumpannija ta' investiment b'kapital fiss jew kumpannija ta' investiment b'kapital varjabbli, liema termini rispettivi għandu jkollhom l-istess tifsira bħal
Kap. 386. dik rispettivament mogħtija lilhom mill-Att dwar il-Kumpanniji;

"mezz tas-*securitisation*" tfisser mezz kif imsemmi fl-artikolu 3 u li jkun ġie stabbilit jew maħluq bil-għan li jwettaq direttament jew indirettament operazzjoni tas-*securitisation*;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-finanzi;

"oriġinatur" jew "ċedent" tfisser persuna, inkluż il-Gvern jew Kunsill Lokali, li f'operazzjoni ta' *securitisation*:

(a) jittrasferixxi b'kull mezz assi ta' *securitisation* lil xi mezz tas-*securitisation*, jew

(b) jagħmel ftehim ma' mezz tas-*securitisation* biex jittrasferixxi kull riskju kemm fl-intier tiegħu kemm in parti lill-mezz tas-*securitisation*, jew

(ċ) jikseb self jew faċilità oħra minn mezz tas-*securitisation*, liema self jew faċilità tkun assigurata direttament jew indirettament fuq l-assi tas-*securitisation*, u t-terminu oriġinatur jew ċedent għandu jinkludi wkoll l-impriżi sussidjarji jew affiljati kollha tiegħu;

"riċevibbli" tfisser dritt li jiġi riċevut ħlas ta' somma monetarja tkun kemm tkun, inkluż id-dritt li jiġi riċevut ħlas ta' somom fil-ġejjieni li mhux stabbiliti mingħand debituri li għadhom m'humiex stabbiliti min huma;

"riskji" tfisser kull riskju ta' kull tip, inklużi dawk li joħorġu minn kull dritt dwar l-assi, kemm mobbli kemm immobbli, tanġibbli jew mhux tanġibbli, futuri jew li jeżistu, riskji li jirriżultaw minn xi obbligu jew attività ta' terzi persuni u riskji li jirriżultaw minn xi avveniment jew ċirkostanza;

"*securitisation*" jew "operazzjoni tas-*securitisation*" tfisser operazzjoni jew arranġament li permezz tiegħu mezz tas-*securitisation*, direttament jew indirettament:

(a) jikseb assi tas-*securitisation* minn oriġinatur b'kull mezz, jew

(b) jieħu kull riskju minn oriġinatur b'kull mezz li jkun, jew

(ċ) jagħti self assigurat jew xi faċilità jew faċilitajiet oħra assigurati lil oriġinatur,

u jiffinanzja xi waħda jew kull ħaġa minn dawk imsemmija hawn qabel, direttament jew indirettament, fl-intier jew in parti, permezz tal-ħruġ ta' strumenti finanzjarji, u jinkludi atti preparatorji mwettqa f'dak li għandu x'jaqsam ma' dak imsemmi hawn qabel;

Kap. 345.

"strumenti finanzjarji" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

"titoli" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;

"*underlying debtor*" tfisser, meta dan ikun japplika, persuna li l-obbligazzjoni tagħha lejn l-oriġinatur kienet l-għan ta' operazzjoni ta' *securitisation*.

## TAQSIMA II

## MEZZI TAS-*SECURITISATION*

Forma legali ta' mezz tas-*securitisation*.

**3.** (1) Mezz tas-*securitisation* jista' jkun:

(a) kumpannija, inkluża kumpannija ta' l-investiment;

(b) soċjetà kummerċjali;

(ċ) *trust* maħluq b'dokument miktub; jew

(d) kull struttura legali oħra li l-awtorità kompetenti tista', permezz ta' avviż, tippermetti li tintuża għal operazzjoni tas-*securitisation*,

stabbilit taħt il-liġijiet ta' Malta jew dawk ta' ġurisdizzjoni rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti.

(2) Meta mezz tas-*securitisation* ikun stabbilit skond dan l-Att jew kull liġi oħra relevanti:

(a) l-għanijiet u l-iskopijiet ta' tali mezz għandhom ikunu limitati għal tali materji li huma neċessarji sabiex jitwettqu kull operazzjoni jew l-operazzjonijiet kollha maħsuba jew meħtieġa sabiex tiġi implimentata jew ikun hemm parteċipazzjoni f'operazzjoni tas-*securitisation* u l-attivitajiet kollha relatati u anċillari inklużi, mingħajr limitazzjoni l-akkwist, l-amministrazzjoni u l-ġbir ta' krediti u riċevibbli oħra jew assi oħra tas-*securitisation*, it-teħid ta' riskji, l-għoti ta' self assigurat, il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji jew is-self ta' fondi sabiex jiġi finanzjat l-akkwist ta' assi jew t-teħid ta' riskji, it-tqabbid ta' fornituri ta' servizzi sabiex jamministraw jew isostnu l-attivitajiet tiegħu u l-iffirmar ta' strumenti derivattivi; u

(b) id-dokument kostituttiv tiegħu għandu jgħid speċifikament li huwa mezz stabbilit bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

**4.** (1) Operazzjoni tas-*securitisation* tista' ssir billi jintuża aktar minn mezz tas-*securitisation* wieħed, kemm jekk stabbilit skond il-liġijiet ta' Malta kemm mod ieħor, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jiftiehmu bl-istess mod. Operazzjonijiet tas-*securitisation*.

(2) Mezzi tas-*securitisation* ma jistgħu imexxu ebda negozju jew kummerċ, ħlief dak li għandu x'jaqsam ma' jew ikun anċillari għall-operazzjoni tas-*securitisation*.

**5.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, u tkun xi tkun in-natura ta' l-assi tas-*securitisation* meħtieġa jew tar-riskji meħuda mill-mezz tas-*securitisation*, il-mezz tas-*securitisation* m'għandu jkun meħtieġ jikseb ebda liċenza, permess jew awtorizzazzjoni għajr kif provdut f'dan l-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu u partikolarment, iżda mingħajr limitu għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, m'għandu jeħtieġ ebda liċenza taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni. Il-ħruġ u l-offerta ta' strumenti finanzjarji bil-mezz tas-*securitisation* għandu madankollu jkompli jiġi regolat bid-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment. Mezz tas-*securitisation* m'hu meħtieġ li jikseb ebda liċenza. (Kap. 370). (Kap. 371). (Kap. 376). (Kap. 403). (Kap. 386). (Kap. 370).

**6.** Il-mezzi tas-*securitisation* m'għandhomx jitqiesu skemi ta' investiment kollettiv kif imfisser fl-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment: Mezzi tas-*securitisation* m'għandhomx jiġu kkunsidrati skemi ta' investiment kollettiv.

Iżda l-awtorità kompetenti tista' ssemmi permezz ta' avviż lil ċerti kategoriji ta' mezzi tas-*securitisation* biex dawn ikunu skemi ta' investiment kollettiv, u f'każ bħal dak l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sa fejn id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, għandu jkun japplika għall-imsemmija kategoriji tal-mezzi tas-*securitisation*.

**7.** Ebda proċedura meħuda fir-rigward ta' l-oriġinatur taħt l-Att dwar il-Kumpanniji, jew taħt kull liġi oħra, inklużi kull proċedura ta' xoljiment u stralċ, kull proċedura ta' rkupru ta' kumpannija, kull rikostruzzjoni ta' kumpannija u kull proċedura li taffettwa id-drittijiet tal-krædituri b'mod ġenerali m'għandhom jaffetwaw: Mezz tas-*securitisation* separat u indipendenti mill-oriġinatur.

(a) il-mezz tas-*securitisation*;

(b) kull assi tas-*securitisation* miksuba jew ir-riskji meħuda millmezz tas-*securitisation*, kif ukoll kull *cashflow* jew assi oħra tal-mezz tas-*securitisation*;

(ċ) kull ħlas dovut mid-debituri sottostanti fir-rigward ta' assi tas-*securitisation*.

Delega ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet amminstrattivi mill-mezzi tas-*securitisation*.

**8.** (1) Il-mezz tas-*securitisation* jista' jiddelega r-responsabbiltà ta' l-immaniġġjar għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-mezz tas-*securitisation* jew ta' l-assi jew tar-riskji tiegħu, inkluż il-ġbir ta' kull talba, lil kull terza persuna, inkluż l-oriġinatur.

(2) Meta dik l-amministrazzjoni tkun ġiet delegata mill-mezz tas-*securitisation* lill-oriġinatur, dan ta' l-aħħar ma għandu jkun jeħtieġ ebda liċenza jew għarfien ieħor mill-awtorità kompetenti taħt ebda liġi li tkun tapplika.

(3) Sakemm il-ftehim bejn il-mezz tas-*securitisation* u dik il-persuna speċifikament ma jipprovdix xort'oħra, il-persuna delegata b'din l-amministrazzjoni għandha tkun obbligata li tissegrega dawn l-assi mill-assi tagħha stess u dawk ta' klijenti oħra. Din is-segregrazzjoni għandha tidentifika b'mod ċar ir-riċevibbli jew l-assi tas-*securitisation* li huma tal-mezz tas-*securitisation* u dik il-persuna għandha żżomm informazzjoni dettaljata ta' l-assi kollha li tkun irċeviet u iddisponiet minnhom.

(4) Kull assi miżmuma minn kull terza persuna bħal dik għal mezz tas-*securitisation* għandhom jitqiesu li qed jinżammu bħala *trust* minn dik it-terza persuna għall-benefiċċju tal-mezz tas-*securitisation*.

## TAQSIMA III

## IT-TRASFERIMENT TA' ASSI TA' *SECURITISATION*

Trasferiment ta' l-assi tas-*securitisation*.

**9.** (1) L-oriġinatur u l-mezz tas-*securitisation* għandhom jagħżlu b'mod liberu kull mod ta' trasferiment ta' assi tas-*securitisation*, inklużi, mingħajr limitazzjoni, in-novazzjoni, il-bejgħ, iċ-ċessjoni u d-dikjarazzjoni ta' *trust*.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, trasferiment ta' assi ta'*securitisation* minn oriġinatur għal mezz ta' *securitisation* bħal dak, għandu jkun validu u enforzabbli skond it-termini tiegħu stess u skond dan l-Att u ma għandux ikun soġġett għal karatterizzazzjoni mill-ġdid għal ebda raġuni.

(3) Id-disposizzjonijiet stipulati f'dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-trasferimenti kollha minn oriġinatur lil mezz ta' *securitisation* jew kredituri tas-*securitisation,* kif ukoll għat-trasferimenti kollha magħmulin minn mezz ta' *securitisation* lil mezzi tas-*securitisation* oħra jew lil kredituri tas-*securitisation*.

**10.** (1) Meta assi ta' *securitisation* jkun ċedut lil mezz ta' *securitisation* skond dan l-Att, ċessjoni bħal dik għandha tiġi trattata bħala waħda finali, assoluta u li torbot lill-oriġinatur, lill-mezz tas-*securitisation* u lit-terzi kollha u dik iċ-ċessjoni ma għandhiex tkun: Ċessjonijiet.

(a) soġġetta għal tħassir, rexxiżjoni, revokazzjoni jew terminazzjoni, varjazzjoni jew tnaqqis minn xi persuna u għal ebda raġuni;

(b) soġetta għal xi dritt ta' kredituri ta' l-oriġinatur għal ebda raġuni;

(ċ) soġġetta għall-ebda dritt ta' likwidatur, amminstratur proviżorju, riċevitur, kuratur, kontrollur, kontrollur speċjali ta' l-oriġinatur jew xi uffiċjal ieħor bħal dak ta' l-oriġinatur għal ebda raġuni.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull projbizzjoni jew restrizzjoni kontrattwali jew statutorja fuq l-oriġinatur biex iċedi l-assi tas-*securitisation* kollu kemm hu jew biss f'parti lil kull terza persuna. Il-Ministru, b'parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' permezz ta' avviż jiddikkjara t-tipi ta' kuntratti li din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika għalihom.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw:

(a) meta jkun hemm frodi daparti tal-mezz tas-*securitisation*, jew

(b) fir-rigward ta' kull ċessjoni li saret fi żmien meta l-mezz tas-*securitisation* kien jaf jew messu kien jaf li kien hemm applikazzjoni għax-xoljiment u l-istralċ ta' l-oriġinatur kien pendenti minħabba f'insolvenza, jew li l-oriġinatur ħa passi formali taħt xi liġi applikabbli biex iwassal għax-xoljiment u l-istralċ tiegħu minħabba fl-insolvenza:

Iżda, sakemm il-mezz tas-*securitisation* kellu għarfien attwali ta' l-imsemmija kwistjoni, għall-iskopijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandu jitqies li l-mezz tas-*securitisation* ma setax ikun jaf li kien hemm applikazzjoni għax-xoljiment u l-istralċ ta' l-originatur minħabba f'insolvenza pendenti, jew li l-oriġinatur ikun ħa passi formali taħt il-liġi applikabbli biex jwassal għax-xoljiment u l-istralċ minħabba fl-insolvenza jekk l-ebda dokument jew

informazzjoni oħra ma kienu reġistrati għal dan l-effett mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u ma kienu aċċessibbli għall-pubbliku.

(4) F'każ ta' ċessjoni favur mezz tas-*securitisation*, ma għandux jinħtieġ li ċ-ċessjoni jkollha prezz, jew meta jinftiehem prezz, dak il-prezz ikun wieħed fiss jew determinat. Il-korrispettiv jista' jkun ukoll wieħed determinabbli b'referenza għal kull formula li jista' jkun hemm ftehim fuqha, jew ikun għal u skond il-pattijiet ta' operazzjoni tas-*securitisation.*

(5) Kemm-il darba l-partijiet ta' xi trasferiment lil mezz tas-*securitisation* ma jkunux jipprovdu mod ieħor, jew il-mezz tas-*securitisation* jassumi b'mod espress kull obbligu, id-debitur sottostanti ma għandu jkollu ebda dritt jew jedd kontra l-mezz tas-*securitisation* b'konnessjoni ma' ebda obbligu relatat ma' l-assi tas-*securitisation*. Id-debitur sottostanti għandu jkompli jgawdi d-drittijiet kollha taħt il-kuntratt ta' ċessjoni kontra l-oriġinatur li għandu jibqa' unikament responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligi kollha taħt dak il-kuntratt.

(6) Ċessjoni favur mezz tas-*securitisation* ma jkunx validu sakemm ma jkunx hemm evidenza bil-miktub. Iċ-ċessjoni ta' assi lil mezz tas-*securitisation* ikun komplett u l-proprjetà ta' l-assi tkun akkwistata *ipso jure* mill-mezz tas-*securitisation* hekk kif iċ-ċessjoni tinkiteb skond dan l-Att u d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1469 tal-Kodiċi Ċivili ma għandhomx ikunu japplikaw.

Ċessjoni ta' assi tas-*securitisation* eżistenti.

**11.** (1) Iċ-ċessjoni ta' assi tas-*securitisation* lil mezz tas-*securitisation* għandu jkun validu u effettiv jekk iċ-ċessjoni tidentifika mill-inqas żewġ karatteristiċi li ġejjin tal-klassi ta' riċevibbli li huma soġġetti għaċ-ċessjoni:

(a) it-tip ta' dejn jew l-assi jew il-kuntratt li jwassal għad-dejn;

(b) il-klassi jew it-tip tad-debituri;

(ċ) il-perjodu tal-ħlas lura meta d-djun ikunu dovuti, sabiex kull parti interessata tingħata l-opportunità li tiddetermina liema riċevibbli jkunu nklużi fiċ-ċessjoni u ma għandux jinħtieġ li l-isem tad-debitur jew tad-debituri, id-data jew l-ammont ta' kull dejn partikolari, jiġu speċifikati.

(2) Meta l-partijiet għal ċessjoni jitolbu li dejn partikolari ma jkunx inkluż fiċ-ċessjoni, il-kwistjoni għandha tiġi riżolta kif hemm provdut għalih fiċ-ċessjoni, u l-prezz aggregat, jekk ikun hemm, għat-trasferiment għandu jiġi aġġustat, jekk it-talba tkun ġustifikata, billi l-

valur tad-dejn jitnaqqas minn hemm, u dan l-aġġustament ma għandu jaffettwa bl-ebda mod il-validità jew l-effetti taċ-ċessjoni ta' riċevibbli oħra.

Ċessjoni ta' riċevibbli futuri.

**12.** (1) Ir-riċevibbli futuri ta' oriġinatur, inklużi talbiet futuri kontra debituri futuri, jistgħu jkunu s-suġġett ta' ċessjoni favur mezz ta' *securitisation*. Dik iċ-ċessjoni għandha tkun valida u effettiva jekk tidentifika mill-inqas wieħed mill-fatturi tal-klassi ta' riċevibbli li huwa soġġett għaċ-ċessjoni minn kull wieħed mill-Fatturi A u Fatturi B, elenkati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, sabiex tagħti lil kull parti interessata l-opportunità li tiddetermina b'mod raġonevoli liema riċevibbli huma inklużi fiċ-ċessjoni u ma jkunx jinħtieġ li l-isem tad-debitur jew debituri, id-data jew l-ammont ta' kull dejn partikolari jiġu speċifikati.

(2) Għandhom ikunu indikati bħala:

Fatturi A -

(a) it-tip tad-dejn jew l-assi jew il-kuntratt li jwassal għad-dejn;

(b) il-klassi jew it-tip tad-debituri;

(ċ) l-assi, inklużi assi futuri, li jwasslu għar-riċevibbli; u

Fatturi B -

(a) il-perjodu ta' żmien li fih jista' jseħħ id-dejn;

(b) il-perjodu tal-ħlas lura meta d-djun ikunu dovuti.

(3) Iċ-ċessjoni ta' xi riċevibbli futur wieħed jew aktar tkun effettiva fil-ħin tal-konklużjoni tal-kuntratt oriġinali taċ-ċessjoni bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' xi att ġdid ta' trasferiment biex ikun ċedut kull riċevibbli ta' dak it-tip hekk kif dan jiġi fis-seħħ.

(4) Avviż ta' ċessjoni mogħtija skond dan l-Att fil-ħin ta' l-operazzjoni tas-*securitisation* għandha tkun valida u effettiva dwar riċevibbli futur u ma għandhiex għalfejn tkun ripetuta la darba riċevibbli jidħol fis-seħħ.

(5) Riċevibbli futuri jistgħu ukoll ikunu s-suġġett ta' kull sigurtà kollaterali jew kollaterali ta' trasferiment ta' titolu.

Forma ta' l-avviż.

**13.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, f'każ ta' ċessjoni ta' assi ta' *securitisation* lil mezz ta' *securitisation*, id-debitur għandu jiġi kunsidrat li jkun ġie notifikat biċ-ċessjoni meta xi wieħed minn dawn l-avvenimenti li ġejjin li jseħħu skond l-għażla taċ-ċedent jew taċ-ċessjonarju:

(a) man-notifika ta' l-avviż lid-debitur b'kull tip ta' kitba; jew

(b) mal-pubblikazzjoni ta' avviż kif ġej:

(i) f'gazzetta ta' kuljum li tiġi ċirkolata esklusivament jew prinċipalment f'Malta, jew

(ii) meta jkun jidher li l-maġġoranza tad-debituri jirrisjedu barra minn Malta, f'gazzetta ta' kuljum li tiġi ċirkolata esklusivament prinċipalment f'dik il-ġurisdizzjoni barra minn Malta, jew

(ċ) meta jkun hemm xi dubju fejn ikunu jirrisjedu l-maġġoranza tad-debituri, f'gazzetta ta' kuljum li jkollha ċirkolazzjoni internazzjonali mferrxa.

(2) Dak l-avviż għandu jkun effettiv għall-iskopijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' terzi persuni, inkluż id-debitur, kif ġej:

(a) jekk l-avviż isir skond l-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fid-data tan-notifika u d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom jiddeterminaw id-data ta' dik in-notifika; jew

(b) jekk l-avviż ikun ġie notifikat bil-posta, jumejn wara li ċ-ċedent jew iċ-ċessjonarju jkun imposta l-avviż bil-miktub kien jintbagħat lejn l-aħħar indirizz magħruf tad-debitur; jew

(ċ) jekk in-notifika tal-avviż issir permezz ta' pubblikazzjoni f'gazzetta, il-ħin tal-ftuħ għax-xogħol fil-post fejn jiġi pubblikat l-avviż fil-gazzetta; jew

(d) jekk in-notifika ta' l-avviż issir b'mezz elettroniku, ġurnata waħda wara li jkun ntbagħat l-avviż elettroniku, skond il-każ, kemm-il darba dak l-avviż ma jkunx fih espressament xi data iktar tard meta għandu jidħol fis-seħħ.

(3) L-istess regoli għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għan-notifika ta' avviżi meħtieġa dwar ir-rahan ta' assi ta' *securitisation,* u l-artikolu 1966 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiftiehem f'dan is-sens.

(4) Jekk, waqt il-perjodu bejn id-data taċ-ċessjoni ta' l-assi ta' *securitisation* u n-notifika kif hemm imsemmi fis-subartikoli ta' hawn qabel, iċ-ċedent isir insolventi, dik l-insolvenza ma għandu jkollha ebda effett fuq dik iċ-ċessjoni u kull notifika taċ-ċessjoni magħmula skond is-subartikoli ta' hawn qabel għandha tkun waħda valida u effettiva.

(5) In-notifika taċ-ċessjoni għandha tidentifika l-fatturi tal-klassi tar-riċevibbli kif hemm stipulat fl-artikoli 11 jew 12, skond il-każ.

Modifika ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

**14.** (1) Id-disposizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi Ċivili ma għandhomx ikunu japplikaw f'każ ta' ċessjoni ta' assi ta' *securitisation* lil mezz ta' *securitisation*:

(a) artikolu 1483 (1);

(b) artikolu 1056 (1);

(ċ) artikoli 1978 sa 1984; u

(d) artikolu 2013 (3);

(2) Id-disposizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw soġġett għall-modifiki hawn imsemmija:

(a) l-artikolu 1201 ma għandux japplika għal ċessjoni ta' assi ta' *securitisation* lil mezz ta' *securitisation*. Man-notifika taċ-ċessjoni lid-debitur skond dan l-Att, id-drittijiet kollha ta' tpaċija bejn id-debitur u ċ-ċedent għall-mezz tas-*securitisation* għandhom jieqfu;

(b) l-artikolu 1968(1) tal-Kodiċi Ċivili ma għandux japplika, u meta l-oġġett mogħti b'rahan lil mezz ta' *securitisation* ikun dejn, il-mezz tas-*securitisation* għandu, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra ma' l-oriġinatur, ikun responsabbli għall-ġbir ta' dak id-dejn meta dan jimmatura u l-mezz ta' *securitisation* jista' jpoġġi l-flejjes jew affarijiet oħrajn li rċieva kif miftiehem, jew fin-nuqqas ta' tali ftehim, jista' jżomm l-istess bħala sigurtà għad-dejn sakemm dan isir dovut li jitħallas;

(ċ) l-artikolu 1968 (4) ma għandux japplika għal rahan ta' dejn li jkun qed jagħmel tajjeb għall-assi ta' *securitisation* ċedut

lil mezz ta' *securitisation*. Man-notifika taċ-ċessjoni skond dan l-Att, id-debitur ta' dejn mogħti b'rahan ma jista jopponi lill-mezz ta' *securitisation* ebda tpaċija bejn id-debitur tad-dejn mogħti b'rahan u l-oriġinatur; u

(d) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet biex iċedu drittijiet permezz ta' atti pubbliċi u jirreġistrawhom skond l-artikoli 2051 u 2052 tal-Kodiċi Ċivili, l-artikolu 1470(2) ma għandux japplika meta dritt li jkun ġej minn att pubbliku, inkluż kull dritt ipotekarju, jiġi trasferit lil, jew minn, mezz ta' *securitisation*.

(3) Għall-iskopijiet ta' l-artikolu 1475 tal-Kodiċi Ċivili u għall-iskopijiet ta' operazzjoni ta'*securitisation* -

(a) kemm-il darba ċ-ċessjoni espressament tipprovdi xort' oħra, iċ-ċessjoni tad-dejn għandha tinkludi ukoll il-garanzija ta' kull xorta jew indemnizz għall-ħlas tad-dejn;

(b) iċ-ċessjoni tad-dejn għandha tinkludi kull garanzija, ta' liema xorta tkun jew indemnizz li tkun aċċessorja għad-dejn u dan minkejja kull projbizzjoni jew restrizzjoni kontrattwali kontra ċessjoni bħal din tad-dejn fil-kuntratt tal-garanzija, li tkun jew indemnizz. Il-Ministru, b'parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' permezz ta' avviż jiddikjara t-tipi ta' garanziji, jew indemnizz li dwarhom din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika; u

(ċ) kull avviż ta' ċessjoni li ssir lid-debitur jew lil klassi ta' debituri skond dan l-Att, għandu jkollha effett għar-rigward tal-persuni kollha li jkunu qegħdin jagħtu dik il-garanzija, jew dak l-indemnizz mingħajr il-ħtieġa ta' ebda avviż jew formalitajiet oħra dwarhom.

L-assunzjoni tar-riskji.

**15.** (1) Kull riskju u r-riskji kollha jistgħu jkunu assunti minn mezz tas-*securitisation* u jiġu *securitised* skond dan l-Att.

(2) Il-mezz ta'*securitisation* jista' jassumi riskji billi jakkwista assi, jiggarantixxi jew jassumi obbligi, jidħol f'kuntratti derivattivi jew jikkommetti lilu nnifsu b'kull mod ieħor.

(3) Kemm-il darba il-partijiet ma jiddeterminawx mod ieħor espressament bil-miktub, assunzjoni ta' riskju u kull *hedging* jew operazzjoni ta' derivattiva jew prodott mdaħħal fil-kuntest ta' operazzjoni ta' *securitisation* għal kull raġuni li tkun ma għandux jitqies li jkun kuntratt ta' assigurazzjoni għall-effetti u l-iskopijiet kollha tal-liġi.

**16.** (1) Sakemm ma jkunx determinat speċifikament bil-miktub mod ieħor fil-pattijiet tal-ħruġ tat-titoli: Kredituri tas-*securitisation.*

(a) id-detenturi tat-titoli maħruġa minn mezz ta' *securitisation* għandhom ikollhom privileġġ fuq l-assi tas-*securitisation* u dan il-privileġġ għandu jiggrada qabel it-talbiet l-oħra kollha fil-liġi, ħlief għal kredituri oħrajn ta' *securitisation* li jgawdu gradazzjoni mogħtija lilhom qabel bil-kunsens jew l-għarfien ta' l-imsemmija detenturi; u

(b) l-imsemmi privileġġ jestendi għall-qligħ mnissel minn assi ta' *securitisation*, għal kull flejjes riċevuti bħala pagament u għall-assi fejn dawn jiġu investiti, jekk ikun hemm.

(2) Jekk jintuża mezz ta' akkwist f'operazzjoni ta' *securitisation* u dak il-mezz jkun differenti mill-mezz li jkun qed joħroġ it-titoli, l-imsemmi privileġġ għandu joħroġ mill-assi tas-*securitisation* tal-mezz ta' l-akkwist.

(3) L-imsemmi privileġġ joħroġ mil-liġi u ma għandu jkun reġistrat f'ebda reġistru.

(4) Il-kundizzjonijiet tal-ħruġ ta' strumenti finanzjarji mill-mezz ta' *securitisation* għandhom ikunu vinkolanti fuq il-mezz tas-*securitisation*, il-kredituri tas-*securitisation* jew persuni oħrajn li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal dan, inkluż fil-każ fejn il-mezz tas-*securitisation* jitqiegħed fi proċeduri ta' xoljiment u stralċ, proċedura biex il-kumpannija tirkupra, rikostruzzjoni tal-kumpannija jew proċeduri oħra li jaffettwaw id-drittijiet tal-kredituri b'mod ġenerali.

(5) L-ebda persuna, ħlief kreditur ta' *securitisation*, ma jista' jitlob il-ħruġ jew inforzar ta' xi att kawtelatorju jew mandat kontra l-mezz tas-*securitisation* ħlief meta l-qorti tkun sodisfatta li kien hemm frodi daparti tal-mezz tas-*securitisation*.

**17.** (1) Il-partijiet ta' operazzjoni ta' *securitisation* għandhom ikunu liberi jagħżlu l-liġi li tirregola kuntratti relatati ma' jew anċillari għal operazzjoni ta' *securitisation*. Regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat.

(2) Il-Ministru, bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regoli fuq il-liġi applikabbli għal kwistjonijiet relatati ma', jew anillari għal, operazzjonijiet ta' *securitisation*, fejn il-liġi ta' pajjiż, li mhux Malta, tista' tkun tapplika inklużi, mingħajr limitazzjoni:

(a) regoli fuq il-liġi adatta għal kull kuntratt;

(b) validità formali u materjali ta' kull kuntratt;

(ċ) drittijiet ta' terzi persuni bl-għemil ta' kuntratt;

(d) kwistjonijiet ta' proprjetà relatati ma' operazzjonijiet ta' *securitisation*; u

(e) prijoritiajiet dwar id-drittijiet ta' terzi persuni.

## TAQSIMA IV

## REGOLAMENT TA' MEZZI TA' *SECURITISATION*

Mezzi ta' *securitisation*.

**18.** L-ebda mezz stabbilit taħt il-liġijiet ta' Malta ma jista jibda jinnegozja bħala mezz ta' *securitisation* f'Malta jew minn Malta sakemm javża lill-awtorità kompetenti fuq il-formola adatta li jkun bi ħsiebu jidħol f'operazzjoni waħda jew iżjed ta' *securitisation*.

Mezzi ta' *securitisation* pubbliċi.

**19.** (1) Għall-iskopijiet ta' dan l-artikolu:

(a) mezz ta' *securitisation* pubbliku jfisser mezz ta' *securitisation* li joħroġ jew jixtieq joħroġ strumenti finanzjarji lill-pubbliku fuq bażi kontinwa; u

(b) il-frażi "joħroġ strumenti finanzjarji lill-pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira bħall-frażi "offerti magħmula lill-pubbliku", kif hemm infassal fl-artikolu 2(3) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Mezz ta' *securitisation* pubbliku, għandu japplika bil-miktub għal liċenza taħt dan l-Att lill-awtorità kompetenti qabel ma jinħarġu strumenti finanzjarji lill-pubbliku.

(3) L-applikazzjonijiet kollha għal liċenza ta' mezzi ta' *securitisation* pubbliċi għandhom ikunu f'dik il-forma u akkompanjati b'dik l-informazzjoni, u għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti kif jistgħu jkunu ordnati minn żmien għal żmien b'direttiva u applikazzjoni li tista' tkun revokata biss b'notifika bil-miktub lill-awtorità kompetenti fil-perjodu qabel ma din tkun inħarġet jew ġiet miċħuda.

(4) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa biex tirrikjedi kull mezz ta' *securitisation* pubbliku biex tipprovdi dik l-informazzjoni li tqies meħtieġa għall-iskopijiet biex tiddetermina applikazzjoni għal liċenza jew għal iskopijiet biex tiddetermina jekk għandhiex tirrestrinġi jew tirrevoka liċenza.

(5) L-ebda mezz ta' *securitisation* pubbliku ma għandu jingħata liċenza sakemm:

(a) il-mezz ta' *securitisation* pubbliku jkollu organizzazzjoni adegwata u riżorsi adegwati biex jitwettaq in-negozju tiegħu;

(b) il-persuni kollha li għandhom effettivament imexxu n-negozju tal-mezz ta' *securitisation* pubbliku jkunu persuni adatti li jiżguraw l-amministrazzjoni prudenti tiegħu; u

(ċ) il-mezz ta' *securitisation* pubbliku jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu stipulati b'direttivi maħruġin mill-awtorità kompetenti.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina kull applikazzjoni għal liċenza fi żmien xahar wara li tirċievi l-applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tħarisx is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali, fi żmien xahar wara l-osservanza ta' l-imsemmi subartikolu jew l-għoti ta' l-informazzjoni skond il-każ, skond liema jkun l-iżjed tard. F'kull każ, applikazzjoni għandha tkun determinata fi żmien xahrejn wara li l-awtorità tkun rċevietha.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina applikazzjoni billi tagħmel xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(a) toħroġ liċenza mingħajr kondizzjonijiet;

(b) toħroġ liċenza bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li hi tqies xierqa;

(ċ) tirrifjuta li toħroġ liċenza: u jekk l-awtorità tirrifjuta applikazzjoni, hija għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet tar-rifjut tagħha bil-miktub.

(8) Meta għal xi raġuni l-awtorità kompetenti tonqos milli tiddetermina applikazzjoni għal liċenza fil-perjodu stipulat taħt is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, dak il-fatt għandu jitqies li jikkostitwixxi rifjut biex toħroġ il-liċenza.

(9) (a) Mingħajr preġudizzju għal xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', kull meta jidrilha meħtieġ, tagħti b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, u kull persuna li lilha jingħata l-avviż għandha tobdi, tħares u xort'oħra tagħti effett lil kull direttiva bħal dawk fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva.

(b) Is-setgħa li tagħti direttivi taħt dan is-subartikolu għandha tinkludi is-setgħa li tvarja, tibdel, iżżid jew tirtira kull direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda jew direttivi oħra.

(ċ) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, tista' f'kull żmien tagħmel pubblika kull direttiva li tkun tat taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(10) Liċenza għandha awtomatikament tieqaf milli jkollha kull effett jekk id-detentur:

(a) jirrinunzja għal-liċenzja tiegħu; jew

(b) ma jibdiex in-negozju skond il-liċenza fi żmien erbgħa u għoxrin xahar mill-ħruġ tagħha jew f'perjodu ta' żmien ieħor kif jista' jkun speċifikat fil-liċenza; jew

(ċ) ikun dikkjarat fallut jew jidħol f'proċeduri ta' stralċ.

(11) L-awtorità kompetenti tista' timponi restrizzjonijiet fuq liċenza jew tista' tirrevoka liċenza f'kull waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk xi dokument jew informazzjoni li takkompanja applikazzjoni għal liċenza jew xi informazzjoni konnessa magħtija magħha hija falza f'xi ħaġa materjali jew jekk id-detentur ta' liċenza jaħbi minn, jew ma javżax lill-awtorità kompetenti b'xi dokument jew informazzjoni jew bdil fihom li huwa kellu l-obbligu li jikxef jew javża taħt dan l-Att; jew

(b) jekk id-detentur jonqos milli jħares xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew direttiva maħruġa taħt dan l-Att jew il-kondizzjonijiet li taħthom tkun nħarġet il-liċenza; jew

(ċ) jekk id-detentur x'aktarx mhux ser ikun jista' jħares l-obbligazzjonijiet tiegħu.

(12) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tvarja jew tneħħi kull restrizzjoni imposta taħt is-subartikolu preċedenti.

(13) Meta l-awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha tirristrinġi jew tirrevoka liċenza jew tvarja xi restrizzjoni, hija għandha tinnotifika lill-mezz ta' *securitisation* pubbliku b'din l-intenzjoni bil-miktub; din in-notifika għandha tispeċifika l-bażi li fuqha l-awtorità kompetenti għandha intenzjoni li tieħu azzjoni u għandha tispeċifika perjodu li fih il-mezz ta' *securitisation* pubbliku għandu jkun intitolat li jressaq l-ilmenti

tiegħu lill-awtorità kompetenti għaliex din l-azzjoni ma għandhiex tittieħed. Sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeedix li l-kwistjoni hija urġenti, hija m'għandha timponi jew tvarja ebda restrizzjoni jew tirrevoka ebda liċenza qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

(14) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti:

(a) li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenza;

(b) li timponi xi kundizzjoni fuq l-għoti ta' liċenza;

(ċ) li timponi jew tvarja xi restrizzjoni;

(d) li tirrevoka liċennza; jew

(e) għax l-awtorità kompetenti tonqos milli tiddetermina applikazzjoni għal liċenza taħt is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu,

tista' tappella quddiem it-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji kontra dik id-deċiżjoni fil-perjodu u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti taħt l-Att dwar Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(15) Kull persuna li tikser jew ma tħarisx id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew tikser jew ma tħarisx xi kundizzjoni, obbligu, rekwiżit, direttiva jew ordni magħmulin jew mogħtija taħt dan l-artikolu, tkun ħatja ta' reat.

(16) Persuna ħatja ta' reat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (15) ta' dan l-artikolu għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa li ma taqbiżx il-ħamsin elf lira Maltija. L-ebda proċeduri dwar reat taħt dan l-artikolu ma għandhom jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

**20.** (1) Għat-twettiq aħjar tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika regoli kif meħtieġa jew xierqa b'konnessjoni ma' operazzjonijiet ta' *securitisation*. Ir-regoli jkunu jorbtu l-mezzi ta' *securitisation* u kredituri ta' *securitisation* u persuni oħra kif jiġi speċifikat fihom. Regoli.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' qabel, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ regoli li tqis li jkunu xierqa:

(a) għall-iskop li tistabbilixxi kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn mezz ta' *securitisation* pubbliku biex jakkwista liċenza taħt dan l-artikolu;

(b) għar-regolament tal-kustodja ta' l-assi u ta' l-istrumenti finanzjarji tal-mezz ta' *securitisation* pubbliku; u

(ċ) għall-iskopijiet biex tirrikjedi stqarrijiet perjodiċi mill-mezzi ta' *securitisation* pubbliċi.

## TAQSIMA V

## MIXXELLANJI

Segretezza professjonali, kunfidenzjalità u protezzjoni tad-*data*.

**21.** (1) L-ebda liġi li għandha x'taqsam mas-segretezza professjonali jew kunfidenzjalità ma għandha tiftiehem b'mod li tirrestrinġi jew tillimita b'xi mod operazzjoni ta' *securitisation*. Kull *data* jew informazzjoni li tiġi trasferita bejn il-partijiet f'kuntest ta' operazzjoni ta' *securitisation* għandha tkun trasferibbli b'mod xieraq mingħajr ebda restrizzjoni jew limitazzjoni, għalkemm dik id-*data* jew informazzjoni għandha żżomm l-istat ta' segretezza jew kunfidenzjalità tagħha għal kull effett u skop ieħor.

Kap. 440.

(2) Fil-kuntest ta' operazzjoni ta' *securitisation*, skond l-obbligi li joħorġu mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, involuti:

(a) kull trasferiment ta' *data* personali għandu jitqies li jkun għal skop li jirrigwarda interess leġittimu ta' min ikun qed jittrasferixxi u min ikun qed jirċievi dik id-*data*, sakemm ma jintweriex li dak l-interess ikun superat mill-interess tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tas-suġġett tad-*data* u b'mod partikolari id-dritt tal-privatezza; u

(b) kull trasferiment ta' *data* personali lil pajjiż terz li ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 27 (2) ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* ma għandux jirrikjedi l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-*Data*, meta l-kontrollur ikun jipprovdi salvagwardji adegwati, li jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari permezz ta' disposizzjonijiet kontrattwali xierqa, għar-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwi u fir-rigward ta' l-eżerizzju tagħhom.

(3) Għall-iskopijiet tal-paragrafi preedenti, *data* jew informazzjoni li tiġi trasferita bejn persuni fil-kuntest ta' operazzjoni ta' *securitisation* għandhom jitqiesu li jinkludu *data* jew informazzjoni trasferita bejn l-oriġinatur u l-mezz ta' *securitisation*, jew bejn mezzi ta' *securitisation*, jew bejn il-mezz ta' *securitisation* u kull persuna oħra li

jkollha d-delega tar-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet ta' l-amministrazzjoni, jew bejn il-mezz ta' *securitisation* u rappreżentant ta' l-investituri, jew bejn l-oriġinatur jew il-mezz ta' *securitisation* u aġenziji li jiggradaw il-kreditu, jew bejn l-oriġinatur jew il-mezz tas-*securitisation* u kull kontro-parti f'kuntratt ta' derivattiva, min qed jislef, fornitur tal-likwidità jew fornitur ta' appoġġ tal-kreditu.

**22.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ikun leġittimu li:

Disposizzjonijiet mixxellanji.

(a) id-dokumenti kostituttivi tal-mezz ta' *securitisation*:

(i) jagħtu s-setgħa li jiġu appuntati diretturi f'kull kreditur ta' *securitisation* jew klassi ta' l-istess, b'esklużjoni għal persuni oħra;

(ii) jagħtu s-setgħa li jintalab jew jitqiegħed mezz ta' *securitisation* fi proċeduri ta' xoljiment u stralċ, proċedura biex tirkupra l-kumpannija, rikostruzzjoni tal-kumpannija jew proċeduri oħra li jolqtu d-drittijiet tal-kredituri b'mod ġenerali, f'kull kreditur ta' *securitisation* jew klassi ta' l-istess, b'esklużjoni għal persuni oħra;

(b) mezz ta' *securitisation* jidħol f'kull ftehim li fih disposizzjonijiet li permezz tagħhom kredituri ta' *securitisation* jew kull azzjonist tal-mezz ta' *securitisation*, inkluż l-oriġinatur, jaċċetaw li jirrestrinġu jew iċedu d-dritt tagħhom biex jibdew il-proċess li jwassal għal proċeduri ta' xoljiment u stralċ, proċedura biex tirkupra l-kumpannija, rikostruzzjoni tal-kumpannija jew il-proċeduri kollha li jolqtu d-drittijiet tal-kredituri b'mod ġenerali b'konnessjoni ma' mezz ta' *securitisation*, jew biex jittrasferixxu dak id-dritt lil xi persuna; u

(ċ) mezz ta' *securitisation* jidħol fi ftehim ma' l-oriġinatur bl-effett li l-oriġinatur jingħata drittijiet mill-mezz ta' *securitisation* fuq l-assi kollha jew parti mill-assi tas-*securitisation* tal-mezz ta' *securitisation* li jistgħu jkunu disponibbli wara l-ħlas tal-kredituri tas-*securitisation*.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 110(1) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji ma għandux japplika għall-għoti ta' assistenza finanzjarja minn mezz ta' *securitisation*, kemm-il darba l-mezz ta' *securitisation* ma jkunx kostitwit bħala kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

(3) Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fid-dokumenti kostituttivi tal-mezz ta' *securitisation*, mezz ta' *securitisation* għandu

jkollu s-setgħa li joħroġ strumenti finanzjarji li l-valur jew il-qliegħ tagħhom ikun marbut ma' kompartimenti, assi jew riskji speċifiċi, jew liema ħlas lura jkun soġġett għall-ħlas lura ta' strumenti oħrajn, ċerti talbiet jew ċerti kategoriji ta' ishma. Jekk l-mezz ta' l-akkwist jkun differenti mill-mezz tal-ħruġ, il-valur, il-qliegħ tagħhom u l-kondizzjonijiet ta' ħlas lura jistgħu jkunu marbutin ukoll ma' l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-mezz ta' l-akkwist. Detenturi ta' strumenti finanzjarji bħal dan għandhom igawdu l-privileġġ li joħroġ mill-artikolu 16(1) ta' dan l-Att.

(4) Kull kuntratt li jsir b'konnessjoni ma' operazzjoni ta' *securitisation* għandu jkun validu u inforzabbli skond il-pattijiet tiegħu, u fejn il-partijiet jaqblu bil-miktub fuq l-effetti li jġib miegħu avveniment speċifikat, ebda parti ma għandha teħtieġ li tinkiser deċiżjoni jew dikjarazzjoni mill-qorti li tkun tikkonferma li l-avveniment speċifikat ikun seħħ jew ma seħħx.

(5) Id-disposizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodiċi Ċivili jew ta' kull parti oħra tal-Kodiċi Ċivili jew ta' kull liġi oħra sakemm dawn jillimitaw jew jirrestrinġu l-imposizzjoni ta' mgħax u mgħax kompost, ma għandhomx japplikaw għal djun jew obbligi oħrajn ħerġin mill-kuntest ta' operazzjoni ta' *securitisation* taħt dan l-Att; u għandu jkun leġittimu li l-ammont ta' l-imgħax dovut għar-rigward ta' dejn bħal dan jew obbligu ieħor bħal dak jaqbeż l-ammont tal-kapital dovut fir-rigward ta' dejn jew obbligu bħal dak.

(6) L-ebda qorti jew tribunal ta' arbitraġġ ma jista' jagħti jew jippermetti ebda moratorju jew twaqqif, ikun kif ikun, b'konnessjoni ma' mezz ta' *securitisation*.

Setgħa għall-ħruġ ta' regolamenti.

**23.** (1) Il-Ministru jista', b'parir ta' l-awtorità kompetenti, jagħmel ir-regolamenti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jagħti effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u jista' jemenda jew jirrevoka dawk ir-regolamenti.

(2) Regolamenti magħmula taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jsiru bil-lingwa Ingliża biss.

Applikabbiltà ta' dan l-Att.

**24.** Dan l-Att għandu japplika biss għal *securitisation* jew operazzjonijiet ta' *securitisation* meta:

(a) il-valur ta' l-operazzjoni ta' *securitisation*, jew

(b) il-valur ta' l-istrumenti finanzjarji maħruġa mill-mezz ta' *securitisation* jeċedi dak il-valur minimu li jidher f'avviż maħruġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien, jew

(ċ) meta operazzjoni ta' *securitisation* speċifika tkun ġiet xort'oħra approvata bil-miktub mill-awtorità kompetenti.

**25.** F'dan l-Att u fir-regoli magħmulin bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, ikun it-test Ingliż li jipprevali.

It-test Ingliż għandu jipprevali.

TAQSIMA VI

EMENDI TA' LIĠIJIET OĦRA

**26.** Minnufih wara l-artikolu 1996 tal-Kodiċi Ċivili, għandu jidħol dan l-artikolu 1996A ġdid li ġej:

Emenda konsegwenzjali tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

"Dritt tal-kreditur li jimmodifika d-drittijiet tiegħu nnifsu.

1996A. Kreditur jista' jiftiehem li jiċċaħħad, iċedi jew b'mod ieħor jimmodifika d-drittijiet tal-ħlas, inforzar, gradazzjoni u drittijiet oħra simili għar-rigward tad-drittijiet ta' kredituri oħrajn u kull ftehim bħal dak għandu jkun jorbot fuq il-partijiet tal-kuntratt, kemm qabel kemm wara l-insolvenza ta' xi parti fil-kuntratt.".

**27.** Minnufih wara l-artikolu 84B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, għandu jidħol dan l-artikolu 84C ġdid li ġej:

Emenda konsegwenzjali ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

"Il-Ministru jista' johroġ regolamenti relatati mal-mezzi ta' *securitisation*.

84C. (1) Il-Ministru, b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u bil-parir ta' l-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar is-*Securitisation*, jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu dwar il-formazzjoni, il-kostituzzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' kumpanniji ċellulari, u li jagħmluha possibbli għal mezz ta' *securitisation* li jikkonverti f'kumpannija ċellulari, u dwar kull ħaġa oħra li tista' tinqala' b'konnessjoni ma' dan.

(2) Biex id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu jistgħu jitwettqu aħjar, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hemm qabel imsemmi, il-Ministru filwaqt li jkun qed jaġixxi kif hawn qabel imsemmi, jista', b'dawk ir-regolamenti, u b'mod partikolari:

(a) jagħmel provvedimenti dwar il-kontenut tal-memorandum u l-istatut tal-kumpannija ta' kumpannija ċellulari, inklużi provvedimenti għal ħolqien minn kumpannija ċellulari ta' ċellula waħda jew aktar, u għas-segregazzjoni u l-protezzjoni ta' l-assi ċellulari u assi oħrajn tal-kumpannija, u li jistabbilixxu ħtiġiet oħrajn ta' rappurtar u żvelar;

(b) jeżenta jew jipprovdi għall-eżenzjoni ta' dik il-kumpannija minn xi jew kull disposizzjoni ta' dan l-Att jew xi liġi oħra li tkun fis-seħħ, bla ħsara għal dawk il-modifiki, varjazzjonijiet u kundizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati;

(ċ) jagħmel provvedimenti dwar il-mod u l-forma kif kumpannija ċellulari tista' toħloq u toħroġ ishma ċellulari, u jagħmel kull provvediment dwar l-assi ta' kumpannija ċellulari, inkluża l-ħtieġa li l-assi ta' kumpannija ċellulari għandhom ikunu ta' klassi jew deskrizzjoni speċifikata, jew kull ħtieġa oħra dwar il-kwalità, in-natura jew l-ammont ta' dawk l-assi;

(d) jagħmel provvedimenti li jkunu jippermettu li ċelluli jew assi ċellulari attriwibbli għal xi ċellula ta' kumpannija ċellulari jkunu trasferibbli lil xi persuna oħra;

(e) jagħmel provvedimenti biex ċelluli individwali jiġu kkunsidrati bħala entitajiet separati u distinti għal dawk l-għanjiet skond ma jista' jiġi stabbilit;

(f) jipprovdi dwar kull ħaġ'oħra konsegwenzjali, inċidentali jew ħaġ'oħra konnessa ma' xi ħaġa minn dawk qabel imsemmija.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "mezz ta' *securitisation*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is- *Securitisation*".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz hu biex jipprovdi għal *securitisation* u biex jintroduċi regoli ġodda dwar il-mezzi ta' *securitisation*.